

Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11800/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0003(NLE)

RECH 359
COMPET 585
IND 231
TELECOM 265
CYBER 177

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5282/18 RECH 15 COMPET 22 IND 14 TELECOM 11 IA 11
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal- Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja - Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC). L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. L-għan ewlieni tal-proposta huwa li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni infrastruttura integrata tas-supercomputing u tad-data ta' livell dinji u li tiżviluppa u tappoġġa ekosistema ta' HPC ferm kompetittiva u innovattiva. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiġi stabbilita u tibda taħdem l-aktar tard fil-bidu tal-2019 sabiex tintlaħaq il-mira li sal-2020 l-Unjoni tkun mgħammra b'infrastruttura ta' supercomputers fuq skala preeksa, u li jiġu żviluppati t-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex jinkisbu l-kapaċitajiet fuq skala eksa madwar l-2022 u l-2023.

3. Fil-21 ta' Frar 2018, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew li vvota dwar ir-rapport tiegħu fit-3 ta' Lulju¹.
4. Fil-21 ta' Frar 2018, il-Kunsill ikkonsulta wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali li adotta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Mejju 2018².
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina b'mod intensiv il-proposta tal-Kummissjoni minn Jannar sa Mejju 2018, u ntlaħaq Approċċ Ġenerali³ fil-Kunsill (Ambjent) fil-25 ta' Ġunju 2018.
6. Mill-25 ta' Ġunju 2018 'l hawn, aktar pajjiżi wrew interess jipparteċipaw bħala membri fundaturi tal-Impriża Konġunta għall-HPC. Biex jifformalizzaw dawn l-interessi l-ġodda kif ukoll biex jikkonfermaw l-intenzjonijiet tal-pajjiżi li ffirmaw id-dikjarazzjoni, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Kummissjoni Ewropea bagħat ittri lill-Istati Membri u lin-Norveġja u l-Iżvizzera fl-1 ta' Awwissu 2018. Wara dan, 24 pajjiż ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom, filwaqt li pajjiż wieħed iddikjara li jastjeni milli jipparteċipa bħala membru fundatur tal-Impriża Konġunta.
7. Konsegwentement, l-Artikolu 2(1)(b) tal-Istatuti ġie adattat biex jirrifletti l-konfermi u l-astensjonijiet riċevuti. Fil-11 ta' Settembru 2018 tnediet proċedura ta' silenzju għall-Istati Membri biex japprovaw il-bidliet introdotti f'dan l-Artikolu. Minħabba li Stat Membru wieħed ieħor kiser il-proċedura ta' silenzju biex jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu, kellha tiġi mnedija proċedura ta' silenzju ġdida fit-13 ta' Settembru 2018. Fi tmiem il-proċedura ta' silenzju fl-14 ta' Settembru 2018, l-ebda Stat Membru ma oġġezzjona għall-adattamenti għall-Artikolu 2(1)(b) tal-Istatuti.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda tal-laqgħa tiegħu fis-27-28 ta' Settembru 2018, jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja kif rivedut mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10594/18 RECH 305 COMPET 487 IND 183 TELECOM 205 CYBER 154.

¹ Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew, P8_TA(2018)0271 of 3 Lulju 2018.

² Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, TEN/659 tat-23 ta' Mejju 2018.

³ Dok. 10175/18.